21986A0618(02)

L 162/39 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 18.6.1986

# ATT FINALI
## Tal-Konferenza tal-Plenipotenzjarji ta' l-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku

**(Pariġi, 9 u 10 ta' Lulju 1984)**

1. Fuq stedina tal-Gvern tar-Repubblika ta' Franza, Konferenza għall-Plenipotenzjarji ta' l-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku inżammet f'Pariġi fl-10 u l-11 ta' Lulju 1984.

2. L-istati li ġejjin kienu preżenti għall-Konferenza: Angola, Benin, il-Brażil, il-Kanada, Kuba, Franza, il-Gana, il-Kosta ta' l-Avorju, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Marokk, il-Portugall, São Tomé and Principe, Senegal, l-Afrika ta' Isfel, Spanja, l-Istati Uniti, l-Uruguay, USSR u Venezuela.

3. Il-Komunità Ekonomika Ewropea, mistiedna bħala osservatur, u l-Organizzazzjoni dwar l-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti kienu preżenti fil-Konferenza u pparteċipaw fil-proċedimenti.

4. Il-Konferenza wżat bħala bażi għad-diskussjoni tagħha ir-Rapport Finali tat-Tmien Laqa' Regolari tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni miżmuma f'Madrid, 9 sal-15 ta' Novembru 1983.

5. Il-Konferenza qablet dwar il-Protokoll anness li jirrelata mal-modifikazzjoni ta' l-artikoli XIV, XV u XVI tal-Konvenzjoni Internazzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku.

6. I-Konferenza qablet ukoll li d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu XIV, il-paragrafu 4, li jinsab fil-Protokoll imsemmi hawn fuq, għandhom, mad-dħul fis-seħħ tagħhom, ikunu applikabbli għall-Komunità Ekonomika Ewropea bil-ftehim li l-Komunità Ekonomika Ewropea jkollha d-drittijiet u l-obbligi ta' Parti Kontraenti waħdiena, speċjalment f'dak li jikkonċerna l-votazzjoni u l-kontribuzzjoni għall-estimi tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku.

7. Il-Konferenza ħadet nota ta' l-ispjegazzjonijiet offruti mir-rappresentant Ġappuniż fir-rigward tal-problemi ta' natura proċedurali li ma kienux riżolti matul il-kors tal-laqgħa. Ir-rappresentant iżda, fi spirtu ta' kompromess, ma opponiex il-konsensus milħuq fil-Konferenza sabiex jiġi assigurat id-dħul kmieni tal-Komunità Ekonomika Ewropea fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku.

8. Il-Konferenza talbet lill-Gvernijiet tal-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku biex jipproċedu għall-implimentazzjoni tal-proċeduri interni meħtieġa għall-approvazzjoni, ratifikazzjoni jew aċċettazzjoni tal-Protokoll, sabiex jiġi assigurat id-dħul fis-seħħ tiegħu kemm jista' jkun malajr.

Magħmul f'Pariġi, fl-10 ta' Lulju 1984.

PARTIJIET LI FFIRMAW GĦALL-ATT FINALI TAL-KONFERENZA TAL-PLENIPOTENZJARJI TA' L-ISTATI PARTIJIET GĦALL-KONVENZJONI INTERNAZZJONALI GĦALL-KONSERVAZZJONI TAT-TONN ATLANTIKU

SIGNING PARTIES TO THE FINAL ACT OF THE CONFERENCE OF PLENIPOTENTIARIES OF THE STATES PARTIES TO THE INTERNATIONAL CONVENTION FOR THE CONSERVATION OF ATLANTIC TUNAS

SIGNATAIRES DE L'ACTE FINAL DE LA CONFÉRENCE DES PLÉNIPOTENTIAIRES DES ÉTATS PARTIES À LA CONVENTION INTERNATIONALE POUR LA CONSERVATION DES THONIDÉS DE L'ATLANTIQUE

SIGNATARIOS DEL ACTA FINAL DE LA CONFERENCIA DE PLENIPOTENCIARIOS DE LOS ESTADOS PARTES EN EL CONVENIO INTERNACIONAL PARA LA CONSERVACIÓN DEL ATÚN DEL ATLÁNTICO

| | |
|---|---|
| ANGOLA | S. Makiadi |
| BÉNIN | L. Nagnonhou |
| BRAŻIL | A. Amado |
| KANADA | M. Hunter |
| Kosta ta' l-Avorju | K. Douabi |
| KUBA | A. Alonso |
| SPANJA | L. Casanova |
| FRANZA | D. Renouard |
| GHANA | J. Q. Cleland |
| ĠAPPUN | S. Akiyama |
| REPUBBLIKA TAL-KOREA | J. S. Choo |
| MAROKK | A. El Jaï |
| PORTUGALL | J. G. Boavida |
| SÃO TOMÉ e PRÍNCIPE | G. Posser Da Costa |
| SÉNÉGAL | B. C. Dioh |
| AFRIKA TA' ISFEL | H. A. Hanekom |
| URUGUAY | U. W. Perez |
| USA | C. J. Blondin |
| URSS | Y. Vialov |
| VENEZUELA | F. Alvino |